MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru 14/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
El Gamoudi Nabel Mohamed
Rida Salem Suleiman Shoaib
Elkekli Saber

Il-Qorti,

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 14 tas-sena 2003, kontra l-akkuzati El Gamoudi Nabel Mohamed, Rida Salem Suleiman Shoaib u Elkekli Saber, li bih huma gew akkuzati talli :**

**1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Elkekli Saber kien ilu Malta zmien twil sa Lulju tas-sena elfejn u tnejn. Ghall-bidu tal-imsemmija sena huwa kien sar midhla ta' El Gamoudi Nabel Mohamed u Rida Salem Suleiman Shoaib. Elkekli Saber allura kien jaf li dan Nabel Mohamed kien involut u implikat**

**fit-tmexxija tad-droga, ossia medicini perikoluzi, kemm fil-Libja kif ukoll f'Malta.**
**F'Jannar tas-sena 2002, it-tnejn li huma kienu iltaqghu Malta. Kien Nabel Mohamed li beda jipprova ihajjar lil Elkekli Saber sabiex jidhol socju mieghu fl-importazzjoni u traffikar tad-droga f'Malta. Ghall-ewwel, Elkekli Saber irrezista t-tentazzjonijiet li Nabel Mohamed kien qieghed jipprova jwaqqu fihom. Pero', eventwalment Elkekli Saber spicca sabiex waqa ghal dawk it-tentazzjonijiet, aktar u aktar meta ntebah il-prezz gholi li d-droga kienet iggib fis-suq lokali, partikolarment meta tinbiegh illegalment fit-toroq.**

**Mela kien ghall-bidu tas-sena 2002, li Nabel Mohamed u Elkekli Saber dahlu socji ma xulxin u ftehmu li jinvolvu ruhhom fl-importazzjoni w traffikar tad-droga f'Malta. Fl-istess perjodu, kien issieheb maghhom Rida Salem Suleiman Shoaib. Wara li ftehmu, ikkumbinaw bejniethom il-mezzi li bihom kellhom jimxu fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan miftiehem bejniethom. Dawn kienu li Shoaib jippresta l-uzu tal-appartament tieghu gewwa s-Swieqi lil kuginuh, Nabel Mohamed, fejn seta jahbi w jahzen id-droga li minn zmien ghal zmien kien jipprokura, mentri Elkekli Saber kellu jirrealizza l-kuntatti lokali sabiex id-droga setghet tinbiegh u r-rikavat taghha jinqasam bejniethom ilkoll.**

**Fortunatament, il-Pulizija Maltija kienet qeghda tircevi taghrif anonimu u xort'ohra dwar din l-attivita' ta' dawn it-tlett persuni. Kien ghalhekk li l-Pulizija bdiet izzomm l-inhawi tal-appartament in kwistjoni taht soveljanza stretta, f'liema perjodu ta' sorveljanza irnexxielha anke tara u tosserva direttament lil dawn it-tlett persuni** (SIC!) **kaxxa taz-zarbun mimlija raza f'veranda ta' bini vojt li kien imiss mal-imsemmi appartament. Huma inqabdu fil-fatt bil-pussess komuni tal-imsemmija droga mill-Pulizija Maltija biex b'hekk din l-assocjazzjoni ta' bejniethom fit-traffikar tad-droga giet sfrattata u intemmet fix-xejn.**

**Illi b'eghmilhom, l-imsemmija El Gamoudi Nabel Mohamed, Rida Salem Suleiman Shoaib u Elkekli Saber saru hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija El Gamoudi Nabel Mohamed, Rida Salem Suleiman Shoaib u Elkekli Saber hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzati skond il-ligi, u illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista tinghata skond kif jigu iddikjarati hatja l-akkuzati, inkluz li l-akkuzati jigu ddikjarati bhala immigranti ipprojbiti u li jinhareg ordni ta' tnehhija kontra taghhom skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**U peress li Elkekli Saber ikkommetta dan ir-reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fid-29 ta' Mejju, 2001 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-Avukat Generali talab li jigu applikati fil-konfront ta'**

**dan l-akkuzat id-disposizzjonijiet tal-artikoli 28B u 28C tal-Kodici Kriminali.**

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minn tfittxija li l-Pulizija ghamlet f'appartament gewwa s-Swieqi, kif ukoll fl-inhawi tal-istess appartament, instab li El Gamoudi Nabel Mohamed, Rida Salem Suleiman Shoaib u Elkekli Saber kienu fil-pussess xjenti ta' kwantita kbira ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis. Minbarra li nstabu hafna affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-abbuz tad-droga, bhal karti u kuccarini, instabu wkoll ghaxar bicciet tar-raza tal-cannabis, b'piz ta' cirka hames kilo.

Ghalkemm Shoaib kien ivvizjat bid-droga, tant li kien juza ghalih innifsu kemm ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis kif ukoll il-kokajina, din il-kwantita ferm kbira ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis kienet intiza sabiex tigi mghoddija lil haddiehor f'Malta u barra minn Malta, bi skop ta' qliegh. Originarjament, din il-kwantita ta' raza kienet giet ipprokurata minn Nabel Mohamed u Shoaib flimkien. Ftit jiem wara, u cioe ghall-habta ta' April tas-sena 2002, Elkekli Saber kien dahal shab maghhom fil-pussess ta' din id-droga fic-cirkostanzi u bl-ghanijiet imsemmija fil-kap precedenti.

Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza ikkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, u ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b'eghmilhom l-imsemmija El Gamoudi Nabel Mohamed, Rida Salem Suleiman Shoaib u Elkekli Saber saru hatija talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghalija tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li

jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija w ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija El Gamoudi Nabel Mohamed, Rida Salem Suleiman Shoaib u Elkekli Saber, hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga raza mehuda mil-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhom dik id-dorga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak

li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23, 20, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

U peress li Elkekli Saber ikkommetta dan ir-reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fid-29 ta' Mejju, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-Avukat Generali talab li jigu applikati fil-konfront ta' dan l-akkuzat id-disposizzjonijiet tal-artikoli 28B u 28C tal-Kodici Kriminali.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi mill-investigazzjonijiet ulterjuri tal-assocjazzjoni u pussess tad-droga kif deskritt fil-kapi precedenti, irrizulta lill-Pulizija li Rida Salem Suleiman Shoaib kien, sia fis-17 ta' Lulju, 2002, kif ukoll fil-perjodu tal-erba gimghat ta' qabel, abbuza mir-raza mehuda mill-pjanta cannabis u anke mill-kokajina. B'hekk gie li fl-imsemmi perjodu huwa kien ukoll fil-pussess xjenti tad-droga kokajina.

Id-droga kokajina msemmija hija droga specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Rida Salem Suleiman Shoaib la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu u anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre huwa ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellux licenzja u anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Shoaib ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Rida Salem Suleiman Shoaib, sar hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma

kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Rida Salem Suleiman Shoaib, hati ta’ pussess tal-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, w meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tnax-il xahar u mhux izjed minn ghaxar snin, u multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira Maltija (LM200) izda mhux izjed minn ghaxar telef lira Maltija (LM10,000), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 22, 23, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

**Rat il-verdett tal-gurati moghti fl-udjenza tal-lum, li bih :-**

**b’sebgha (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra, sabu lil** El Gamoudi Nabel Mohamed **mhux hati skond l-ewwel kap tal-Att tal-akkuza ,**
**u**
**b’sebgha (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra, sabu lil** El Gamoudi Nabel Mohamed **mhux hati skond it-tieni kap tal-Att tal-akkuza ,**

**bi tmin (8) voti favur u b’vot wiehed kontra, sabu lil** Rida Salem Suleiman Shoaib **hati skond l-ewwel kap tal-Att tal-akkuza ,**
**u**

**bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra, sabu lil** Rida Salem Suleiman Shoaib **hati skond it-tieni kap tal-Att tal-akkuza ,**
**u**
**unanimament, sabu lil** Rida Salem Suleiman Shoaib **hati skond it-tielet kap tal-Att tal-akkuza ,**

**unanimament, sabu lil** Elkekli Saber **mhux hati skond l-ewwel u t-tieni kap tal-Att tal-akkuza ,**

**Rat il-verbal tad-difiza ta' El Gamoudi Nabel Mohamed u Elkekli Saber li bih iddikjaraw li l-verdett tal-gurija huwa registrabbli ghal dak li jirrigwarda lilhom.**

**Rat ukoll it-talba tad-difiza ta' Rida Salem Suleiman Shoaib biex isir kwezit lill-gurati fis-sens jekk il-gurija kienitx fehmet jekk fl-assocjazzjoni iridx ikun hemm zewg persuni jew aktar.**

**Rat id-digriet taghha tal-lum stess li bih, wara li ddikjarat li l-imsemmi verdett kien registrabbli fil-konfront tat-tlett akkuzati w cahdet it-talba ghal kwezit imsemmi, ordnat li l-verdett jigi registrat.**

**Tiddikjara ghalhekk :-**

Lil El Gamoudi Nabel Mohamed **mhux hati skond l-ewwel u t-tieni kap tal-Att tal-akkuza ,**

**lil** Rida Salem Suleiman Shoaib **hati skond l-ewwel, it-tieni w it-tielet kapi tal-Att tal-akkuza ,**

**lil** Elkekli Saber **mhux hati skond l-ewwel u t-tieni kap tal-Att tal-akkuza ,**

**Semghet fl-udjenza tal-lum, it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukat Difensur Dottor. Manuel Mallia ghall-hati Rida Salem Suleiman Shoaib u s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni maghmula mill-Assistent Avukat Generali tar-Repubbblika Dottor Mark Said;**

**Rat il-fedina penali aggornata netta tal-hati Rida Salem Suleiman Shoaib ;**

**Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li r-reat taht l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza serva bhala mezz biex gie kommess ir-reat taht it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza w li ghalhekk skond l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 ghandha tinghata piena wahda ghal dawn iz-zewg reati w cioe' l-akbar piena w peress li r-reati ggibu l-istess piena allura ghandha tinghata piena wahda w cioe' dik ghat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza, apparti umbaghad il-konkors tal-pieni bejn it-tieni Kap u t-tielet Kap.**

**Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet** kollha **tad-difiza dwar il-piena li jinsabu registrati, inkluzi, izda mhux biss, is-segwenti w cioe :-**

**Illi l-hati Rida Salem Suleiman Shoaib kien ilu hawn Malta minn meta kellu sebgha snin u llum ghandu hamsa w ghoxrin sena w oltre li ghamel perjodu taht arrest preventiv kien ukoll ghamel zmien twil taht "house arrest" skond ordni tal-Qorti li hu dejjem osserva minkejja li kellu l-passaport f'idejh;**

**Li l-hati ghandu fedina penali netta;**

**Li kien ikkoopera mal-Pulizija u li sahansitra kien identifika persuna li skond hu kienet tfornih bid-droga u ghalhekk talab il-klemenza tal-Qorti possibbli fic-cirkostanzi;**

**Hadet in konsiderazzjoni is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni fejn qalet li hemm pieni definittivi ghar-reati li tahthom instab hati Rida Salem Suleiman Shoaib u li f'dan il-kaz il-kwantita' tad-droga involuta kellha tkun riflessa fil-piena li tigi erogata mill-Qorti;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi skond l-artikolu 22 (2) (a) (i) tal-Kap.101 , il-piena ghall-htija riskontrata taht l-ewwel u t-tieni kap tal-att**

**ta' l-akkuza hija dik ta' prigunerija ghall-ghomor , izda, skond il-proviso (aa) tal-istess sub-inciz, meta l-Qorti tkun tal-fehma li , meta tqis l-eta' tal-hati , il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita' tal-medicina u x-xorta u l-kwantita' tat-taghmir jew materjali, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat, u c-cirkostanzi l-ohra tar-reat , il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa , jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu (proviso (bb) ), il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.**

**Illi skond l-artikolu 22 (2) (a) (ii) tal-Kap.101, il-piena ghall-htija riskontrata fit-tielet kap, hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn ghaxart elef lira ;**

**Qieset li kif gja intqal ir-reat kontemplat fl-ewwel kap ta' l-att tal-akkuza serva bhala mezz biex isir ir-reat taht it-tieni kap ta' l-att tal-akkuza w ghalhekk ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi bejn dawn iz-zewg reati skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 u peress li r-reati taht l-ewwel zewg kapi ghandhom l-istess piena f'dan il-kaz ghandha tinghata piena wahda apparti il-konkors tal-pieni ghall-htija tar-reati taht it-tieni w it-tielet Kap;  il fedina penali tal-hati, l-eta' tieghu w iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv u "house arrest" kif ukoll xi kooperazzjoni li setgha estenda lill-forzi tal-ordni li pero' ma jidher li tat ebda rizultat u ghalhekk mhux applikabbli fil-fehma ta' din il-Qorti l-Artikolu 29 tal-Kap. 101;**

**Izda fil-waqt li hadet in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha fuq imsemmija favur l-akkuzat , il-Qorti pero', mill-banda l-ohra, ma tistax tinjora l-fatt li hawn si trattava ta' pussess xjenti ta' kwantita' sostanzjali, kwazi hames kilogrammi, ta' raza tal-cannabis li, kieku ma nstabux mill-forzi tal-ordni kif instabu, kienu**

**zgur jirrekaw dannu kbir fost il-persuni li kienu destinati ghalihom fis-suq, kif ukoll li l-hati “ex admissis” kien jabbuza regolarment minn diversi tipi ta’ droga;**

**Ghal dawn il-motivi , il-Qorti, wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali , tiddikjara lil El Gamoudi Nabel Mohamed u Elkekli Saber mehlusa u, jekk ma humiex detenuti ghal ragunijiet ohra , tordna li jigu liberati u wara li rat l-artikoli 8 (a) (b) 9, 10 (1) , 12, 14 , 15A, 20, 22(1)(a)(f) (1A)(1B) (2) (a)(i) (ii) , (3A)( c ) (d) 22(E) u 26 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-artikolu 17(b)(f) u (h), 20,22,23, 31, u 533 tal-Kap.9 u l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217,**

**tikkundanna lill-hati Rida Salem Suleiman Shoaib ghall-piena komplessiva ta’ tnejn u ghoxrin (22) sena prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu kollu li l-hati qatta’ taht arrest preventiv u “house arrest” in konnessjoni** BISS **ma’ dan il-kaz u tikkundannah ukoll ihallas multa ta’ ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mil-lum tigi awtomatikament konvertita fi tmintax (18) il-xahar prigunerija ohra kif ukoll tordnalu li jhallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta’ elf tlett mija w sebgha w hamsin lira Maltin u hdax il-centezmu (LM1357.11c) rapprezentati l-ispejjes kollha tal-perizji inkorsi tul il-kumpilazzjoni, u dana bl-applikazzjoni tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali u finalment fil-waqt li tiddikjara lill-hati Rida Salem Suleiman Shoaib bhala immigrant ipprojbit , tordna li jinhareg ordni ta’ tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ordni ghandu jigi esegwit appena w biss wara li jiskonta l-piena tieghu skond din is-sentenza.**

**Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli**

**w immobbli ohra tal-hati Rida Salem Suleiman Shoaib;**

**Finalment tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga kollha esebita f' dan il-process a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud , sakemm fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------